# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 44/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Busuttil)

vs

**David Frank Charles Muscat**

**Ommissis**

imwieled il-Kanada, fil-11 ta' Novembru, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 218594(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant David Frank Charles Muscat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Ġzejjer u cioe' ġewwa fond bl-isem 'Porchester.Flats '. li jinsab ji Triq l-Għollieq, Mosta, nhar it-30 ta' Mejju, 2012, kif'ukoll fix-xhur ta' qabel:

1. Bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu l-ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom, waħħlu CCTV cameras, f'postijiet differenti li jagħtu għal post pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant a tenur tal-Artikoku 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mil-lum, kif ukoll ordnatu biex ineħħi CCTV cameras fi żmien xahar bl-ispejjeż ta' għaxar ewro (€10) kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellanti David Frank Charles Muscat minnu ppreżentat fit-12 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-setentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Frar 2014 per Maġistrat Carol Peralta billi fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Ommisis, tħassarha, tirrevokha u tikkanċella dik il-parti fejn sabet lill-appellant David Frank Charles Muscat ħati u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni jew ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi preliminarjament ġiet eċċepita l-preskrizzjoni. Umilment qed jiġi sottomess illi l-ewwel Qorti kellha tikkonsidra din l-eċċezzjoni u tilqa' l-istess.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ippreżentata quddiem l-ewwel Qorti l-appellant issottometta illi l-artikolu 85 jikkontempla piena ta' bejn il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur, jew multa. Skont l-artikolu 688 tal-kap. 9 li jitratta l-preskrizzjoni din il-piena taqa' taħt il-paragrafu (e) tiegħu u għalhekk il-preskrizzjoni hija ta' sentejn. Irriżulta mix-xhieda ta' l-esponenti li t-tnejn xehdu illi c-cameras in kwistjoni twaħħlu fl-aħħar ta' Settembru 2009 għalkemm inxtraw sett minnhom fit-2 ta' Awwissu 2009 u sett ieħor fit-12 ta' Settembru 2009. Ġew esebiti irċevuti li jikkonfermaw dawn id-dati. In oltre mhux talli dawn id-dati ma ġew kontradetti iżda l-kwerelant Noel Galea stess xehed hekk:

> *"Naħseb illi l-cameras ilhom hemm minn 2009."*

Anke martu Bemadette Galea xehdet fl-istess seduta u qalet:

> *"Wara li ġejna minn barra f 'Awwissu 2009, sibt il-cameras hemm u qatt ma ntalab il-kunsens tiegħi u tar-raġel."*

Irrizulta wkoll illi minn meta twaħħlu dawn il-cameras qatt ma ġew imċaqalqa. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' l-esponenti li ma ġewx kontradetti. David Muscat xehed hekk:

> *"Qatt ma biddiltilhom il-post u lanqas ma biddiltilhom id-direzzjoni."*

Illi għalhekk filwaqt illi l-akkuża tikkontempla twaħħil ta' cameras fit-30 ta' Mejju, 2013 kif ukoll fix-xhur ta' qabel, jirriżulta illi l-cameras twaħħlu fl-aħħar ta' Settembru 2009 u ma ċċaqalqux minn dak inhar sa' llum. Kwindi, apparti li ma jirriżultax 1i t-twaħħil sar fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni, żgur illi l-akkuża hija preskritta u l-ewwel Qorti kellha tiddikjara l-akkuża preskritta.

**It-tieni aggravju**

Illi mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravju, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-applikazzjoni tagħha tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li testwalment jgħid hekk:

> *85. (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b 'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*
>
> *Iżda, l-Qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.*

Illi l-appellant jissottometti li huwa qatt ma seta jinstab ħati tal-akkuża hekk kif ġiet dedotta fil-konfront tiegħu. Jingħad li dan ir-reat jinstab taħt Titolu tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta speċifiku u cioe taħt ir-reati li huma fuq l-użu *Kontra l-Liġi Mill-Privat Tas-Setgħat Tal-Awtorita' Pubblika.*

Illi għalhekk sabiex ikun jista' jissussiti dan ir-reat, element meħtieġ huwa li qieħed jagħmel 'di privato braccio' dak li suppost kellu l-ewwel jadixxi li xi awtorita pubblika qabel mas-seħħ. Jingħad illi r-reat tar-raggion fattasi ma jistax jiġi ekwiparat totalment mal-azzjoni ċivil tal-ispoll. Jeħtieġ illi l-*mens rea* tal-persuna tkun tali li jkun jaf li dak li għamel kellu jseħħ bl-awtorita ta' xi seta pubblika. Propju għalhekk dan ir-reat jikkonfigura taht it-titolu hawn fuq imsemmi.

Illi f' dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Micallef (App Krim Nru: 232/2002) mogħtija mill-Qorti Tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Vincent De Gaetano nhar it-30 ta' Lulju 2004, fejn intqal hekk:

> *Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta ~ mobbli Jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni 1-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat tal-awtorita' pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz tal-azzjoni Jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali. [enfasi tal-esponent)*

Illi l-Qrati nostrana kellhom l-opportunita' sabiex jistudjaw u jikkumentaw fuq l-elementi li għandhom jiġu pruvati f'kawża bħal dik odjema. Fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric

Mifsud) vs. Joseph Bianco mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. Neville Camilleri tat-2 ta' Ottubru, 2012, dik il-Qorti kkwotat is-segwenti bran mis-sentenza Il-Pulizija vs. Mario Lungaro mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996:

"(1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun eżegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħadd ieħor;

(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b 'eżerċizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel 'di privato braccio ' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per i Regno d 'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol.VI, paġna 749, 'la persuasione di fare da se' cio che dovrebbe farsi reclamando l 'opera del Magistrato '); u

(4) in-nuqqas la' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru, 1957, Vol. XL1.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in diżamina - li l-istess att materjali jista "jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq) , u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika ".

Illi dawn l-elementi huma kumulattivi u għalhekk għandhom jiġu ppruvati fl-intier tagħhom u li jimponi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib l-aħjar prova sabiex tipprova l-istess.

Illi t-twaħħil ta' CCTV cameras fi blokk ta' appartamenti privati ma jistax jingħad li jinkludi I-element meħtieġ li wieħed irid jitlob a priori xi awtorizzazzjoni minn awtorita pubblika.

Illi rriżulta mill-provi u kif ukoll ġie sottomess mill-perit legali quddiem l-Ewwel Qorti li ma nġabitx prova mill-prosekuzzjoni jekk il-fond de quo hux wieħed skedat u allura jekk kienx hem il-htieġa ta' notifika lill-MEPA. Fil-fatt il-perit legali ssottomettiet hekk:

*"Ma ntressqitx la prova jekk il-propjeta hiex skedata u mingħajr bżonn ta ebda notifika, u għalhekk kien hemm bżonn tan-notifika lil MEPA kif hu regolat f'dan l-att"*

Illi tenendo kont li hawnhekk qegħdin fil-kamp kriminali kien jispetta lill-prosekuzzjoni iġġib l-aħjar prova sabiex tipprova t-teżi tagħha. F'dan il-każ id-dubju kellhu jimmilta favur l-appellant u dan in omaġġ tal-prinċipju *in dubio pro reo*. Fi kwalunkwe każ sabiex iseħħ ir-reat adebitat lill-appellant irid ikun hemm l-użurpazzjoni tad-dritt mogħti lill xi seta pubblika, ħaġa li ma jidirhx li kien hemm ħtieġa fil-każ odjern. Jista' jiġi argument li forsi t-twaħħil ta' cameras jista' jagħtu fastidju fl-isfond tal-liġijiet tal-privatezza iżda mhux ir-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**Illi l-aggravji tal-appell jistgħu jkunu sintetizzati hekk**:

**L-ewwel aggravju** huwa li l-każ huwa preskritt għaliex għaddew aktar minn sentejn minn meta twaħħlu l-cameras f'Settembru 2009. ( Ara 688(e) tal-Kap 9).

**It-tieni aggravju-** li biex iseħħ reat taħt l-atikolu 85 tal-Kap 9 wieħed mill-elementi meħtieġa huwa li persuna tagħmel 'di privato braccio' fejn suppost l-ewwel kellu jadixxi lil xi awtortia' pubblika. In sostenn ta' dan l-appellant jirreferi għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju, 2004 'Il-Pulizija v Anthony Micallef'.

Skont l-atti jirriżulta li ċ-ċitazzjoni kienet irreġistrata fit-reġistru tal-Qorti fl-4 ta' Lulju 2012 waqt l-appellant kien notifikat biċ-ċitazzjoni fit-3 ta' Settembru 2012. Ir-rapport lill-Pulizija kien sar fit-30 ta' Mejju 2012. Dan ir-rapport sar għan-nom ta' Aaron Borg innifsu u għan-nom tal-Owners' Association. Kien hemm id-disgwid u kienet deċiżjoni ta' kulħadd li jsir dan ir-rapport. (fol.45).

Fl-affidavit tagħha WPS 230 Anna Maria Vella qalet li ċertu Aaron Borg kien mar l-għassa tal-Mosta fit-30 ta' Mejju, 2012 għall-ħabta tas-19.15 fejn kien irraporta li huwa kien joqgħod fi blokka bl-isem Porchester Court fi Triq l-Għollieq il-Mosta u li huwa kien l-amministratur ta' din il-blokka. Hawn jgħixu erba' familji u matul l-aħħar sentejn il-persuni li kienu joqogħdu fi flat 3 kienu waħħlu s-sistema tas-cctv camera mal-entratura tal-blokka u wkoll fuq il-bejt. Ir-residenti l-oħrajn kienu qed jilmentaw miegħu għax mhux iħossuhom komdi.

Ix-xhud kienet bagħtet għall-appellant fejn dan stqarr li dawn kienu iljhom imwaħħlin u ħadd ma kien garr miegħu. Il-cameras kienu mwaħħlin ma propjeta' li ma tappartjenix il-ġirien.

Fit-8 t'Awwissu, 2012 kienu xehdu Noel Galea u Vivianne Gauci u l-Qorti ddiferiet il-kawża sabiex jitkellmu l-partijiet flimkien mad-difensuri tagħhom. Fis-6 ta' Frar 2013 Dr Juliana Scerri Ferrante ppreżentat ir-rapport tagħha wara li hija kienet innominata mill-Qorti ħalli jsir il-ftehim li kien diskuss fis-seduta ta' qabel. Il-Perit Legali ssottomettiet li ma kienx intlaħaq ftehim. (fol 30).

L-arja tal-bejt jidher li nxtrat wara d-data tal-akkuża. Kien jinħtieġ il-kunsens ta' dawk kollha li joqogħdu fil-blokk għaliex dawn għandhom l-użu tal-bejt u huma propretarji tal-partijiet in komun.

Skont Noel Galea, wieħed mix-xhieda, mal-faċċata tal-blokk hemm erba' cameras , tnejn imwaħħlin fuq it-tieni sular fuq il-gallerija tiegħu (mal-opramorta) u tnejn oħra mwaħħlin mal-ground florr. Fuq il-bejt hemm il-kamra tat-tromba fin-nofs tal-bejt u erba' cameras qegħdin imwaħħlin mal-istess kamra u jagħtu fil-baxx. Din il-kamra hija tal-komun. Kull min jitla' fuq il-bejt jinqabad b'dawn il-cmaeras. Huwa għandu l-aċċess għall-bejt għax għandhom fil-kuntratt l-użu tal-istess bejt. Il-cameras tal-faċċata li qegħdin fil-pjan terran jagħtu għat-triq u l-entrata ewlenija tal-blokk. Il-cameras l-oħra jagħtu għal fuq it-triq. Huwa kien jaf li l-cameras li qegħdin fil-pjan terran kienu ġew imdawrin. Qatt ħadd ma staqsiehom għall-permess tagħhom.

Bernadette Galea xehdet li l-erba' cameras ta' fuq il-bejt, fejn titla' biex tonxor, qed jiksru l-privatezza tagħha. Il-cameras huma dejjem mixgħulin u jistgħu jaraw min dieħel u min ħiereġ. Mal-faċċata hemm tnejn fuq il-gallerija tagħha u waħda minnhom iċċaqqet wara li sar ir-rapport. Ħadd qatt ma staqsieha għall-kunsens tagħha jew tar-raġel.

Jesmond Gauci xehed li hu kien xtara l-blokk u li qatt ma kien ta permessi biex jitwaħħlu l-cameras.Il-cameras qed iħarsu 'l isfel jew lejn it-triq.

Vivianne Gauci xehdet ukoll li rat il-cameras u li qalet lill-appellant (u lil martu) li hi ma kienet tathom ebda permess.

Xehed Aaron Borg li qal li hemm tmien cameras b'kollox, erba' mal-faċċata u erba' fuq il-bejt. It-tnejn tal-faċċata jagħtu għal fuq il-gallarija ta' Odette Galea, oħra tagħti għal fuq l-entratura u l-parti quddeim l-entratura. Huwa qatt ma kien ta permess.

Waqt l-aċċess il-Perit Legali ntweriet is-CCTV cameras ta' mal-faċċata li huma *adjustable*.. Kienu qegħdin jagħtu għal fuq it-triq iżda jistgħu jiġu mdawrin fi kwalunkwe ħin biex jiġbdu postijiet aktar speċifiċi. (fol 46). Rat ukoll il-cameras ta' fuq il-bejt li huma *adjustable*.

Fil-kuntratt immarkat DM5 a fol 80 juri l-bejgħ li sar minn ċertu Alfred Borg lil David Muscat fil-15 ta' Jannar 2013 fejn l-appellant xtara l-bejt iżda l-kort ta' bini fih 'il-komunjoni mas-sitt flats sottostanti, tal-propjeta' tal-entratura, entrata, ħruġ, tromba tat-taraġ **u soġġett il-bejt għad-dritt tal-flats għall-użu tiegħu**. Inkluż f'dan il-bejgħ hemm ukoll il-kamra li tinsab fuq il-bejt.'

L-appellant jissottometti li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dan l-aggravju kemm min-natura tal-imputazzjoni magħmula kontra l-appellant kif ukoll min-natura taż-żmien.

L-akkuża terreferi għal stat permanenti. Il-cameras mhux biss twaħħlu darba iżda baqgħu hemm u żgur kienu għadhom hemm sa meta marret il-perit legali. **Skont l-artikolu 691(1) tal-Kap 9 il-preskrizzjoni tibda tgħaddi '<u>għar-reat permanenti mill-jum li ma tibqax il-permanza tar-reat</u>.'** La l-cameras kienu għadhom hemm – almenu sa ma sar l-aċċess – il-preskrizzjoni kienet għadha ma bdietx tgħaddi.

Jirriżulta wkoll, mid-dati mogħtija aktar 'il fuq, li l-proċeduri ma damux ma bdew mid-data ta' meta sar ir-rapport.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-tieni aggravju** tal-appellant huwa l-artikolu 85 ma japplikax għaċ-ċirkostanzi li għalihom inħarġet din iċ-ċitazzjoni.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza 'Il-Pulizija v Michael Saliba' tal-20 t'Awwissu 2009 deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mogħtija mill-S.T.O Vincent De Gaetano, fejn, bħal ħafna deċiżjonijiet oħra kienu elenkati l-elementi tar-reat li jidher fl-artikolu 85 tal-Kap 9. Dawn huma:

(1) Att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espress, jew preżunta, ta' dak il-ħaddieħor;
(2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;
(3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' awtorita' pubblika;
(4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Il-Qorti kompliet tispjega li l-kelma 'spolja' għandha sinifikat wiesgħa mogħti għall-istess artikolu 85 u cioe' li wieħed iġiegħel lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu ilma għalih, **jew li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor**.' (Sottolinear ta' din il-Qorti waqt li fis-sentenza ċitata dawn il-kliem jidhru bejn inverted commas). Il-Qorti kompliet tgħid dan ir-reat huwa intiż biex jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi ċivili , jieħu l-liġi b'idjeh.'

Fil-każ ċitat il-Qorti kienet ikkonfermat sejba ta' ħtija taħt dan l-artikolu meta sid il-post qabad u għalaq d-dawl mill-main minħabba li inkwilin ma kellux dritt jibqa' fil-post jekk qabel ma jħallasx il-kont kollu tad-dawl. Jiġifieri dan kien is-sid tal-post u xorta ma setax iwaqqaf is-servizz għax il-kerrej kien naqas li jħallas il-pendnezi tad-dawl.

Il-kliem '*<u>jew li wieħed b'mod ieħor konta l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħadd ieħor</u>*' għandu portata qawwija. Din il-Qorti ma tidħol f'ebda dritt ta' propjeta' imma mill-atti u mix-xhieda jirriżulta kemm li l-okkupanti tal-flats' l-oħra għandhom l-użu tal-bejt kif ukoll għandhom dritt jużaw il-

partijiet tat-triq jew tal-komun mingħajr ħadd ma jqis il-passi tagħhom.  Dawn il-partijiet huma miftuħa ġaladarba mhux ta' persuna waħda partikolari.  Ukoll jekk ċerti cameras twaħħlu biex ma jinsteraqx l-ilma minn fuq il-bejt, peress li l-okkupanti l-oħra tal-bejt għandhom l-użu tiegħu dan ma setax isir mingħajr permess ta' xi awtorita' (jekk hemm bżonn, b'intervent tal-Qorti) ġaladarba ma ntleħaqx ftehim bejn il-partijiet.    Mill-provi joħroġ b'mod l-aktar ċar li ħadd ma ta permess lill-appellant iwaħħal il-cameras u kull xhud wera ma setax igawdi li ħajtu ġewwa u lanqas barra skont id-dirttijiet li għandu bħala okkupant ta' appartament kemm barra, kemm fil-komun kif ukoll fuq barra.  Din il-parti tal-artikolu 85 tal-Kap 9  iddaħħlet bl-Att XVI tas-sena 2006 u għandha sinifikat enormi għaliex għamlitha ċara li l-artikolu 85 tal-Kap 9 mhux ristrett għal xi forma ta' spoll fis-sens dejjaq tal-liġi ċivili (Kap 16). Anzi l-leġislatur ried ikopri dawk is-sitwazzjonijiet kollha fejn wieħed ikun privat milli jgawdi d-drittijiet tiegħu bil-kwiet.   Għalhekk wara li wiżnet ix-xhieda, id-dokumenti u r-ritratti l-Qorti sabet li jeżistu l-elementi kollha tar-reat u konsegwentement  qed tiċħad l-aggravju tal-appellant.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad l-Appell ta' David Frank Charles Muscat u tikkonferma s-sentenza appellata.